

DEĊIJONI TAL-KUNSILL**tal-20 ta' Ottubru 2009**

li tawtorizza lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja biex tkompli tapplika miżura ta' deroga mill-Artikoli 168 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

(2009/791/KE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva 2006/112/KE⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 395(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi:

- (1) Permezz ta' ittra rreġistrata mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kummissjoni fid-19 ta' Diċembru 2008, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja (minn hawn 'il quddiem imsejħa 'il-Ġermanja) talbet awtorizzazzjoni biex tkompli tapplika miżura ta' deroga mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2006/112/KE li tirregola d-dritt għal tnaqqis u preċedentament awtorizzata bid-deċiżjoni 2004/817/KE⁽²⁾ skont is-Sitt Direttiva 77/388/KE tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 1977 fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima⁽³⁾ li kienet applikabbli fdak iż-żmien.
- (2) Skont l-Artikolu 395(2) tad-Direttiva 2006/112/KE, il-Kummissjoni permezz ta' ittra ddatata t-3 ta' Ġunju 2009 infurmat lill-Istati Membri l-oħra bit-talba li saret mill-Ġermanja. Permezz ta' ittra ddatata d-9 ta' Ġunju 2009, il-Kummissjoni nnotifikat lill-Ġermanja li hija kellha l-informazzjoni kollha meqjusa neċċessarja biex tikkunsidra t-talba.
- (3) Il-miżura derogatorja hija maħsuba biex teskludi komplettament mid-dritt għal tnaqqis il-VAT fuq oġġetti u servizzi meta dawn jintużaw fiktar minn 90 % tal-każi għall-raġunijiet privati tal-persuna taxxabbli, jew tal-impiegati tagħha, jew għal skopijiet li mhumiex ta' negozju.
- (4) Il-miżura tidderoga mill-Artikola 168 tad-Direttiva 2006/112/KE, li tistabbilixxi l-prinċipju ġenerali tad-dritt ta' tnaqqis, u hija maħsuba biex tissimplifika l-proċe-

dura tal-imposizzjoni tal-VAT. L-ammont ta' taxxa dovut fl-istadju finali tal-konsum huwa biss affettwat b'mod negliġibbli.

(5) Is-sitwazzjoni legali u fattwali li kienet iġġustifikat l-applikazzjoni kurrenti tal-miżura ta' simplifikazzjoni kkonċernata ma nbidlitx u għadha teżisti. Il-Ġermanja għandha għalhekk tkun awtorizzata tapplika l-miżura ta' simplifikazzjoni għal perijodu ieħor, iżda limitat fiż-żmien sabiex tkun tista' ssir evalwazzjoni tal-miżura.

(6) Id-deroga m'għandu jkollha ebda impatt negattiv fuq ir-riżorzi propriji tal-Komunitajiet li jakkumulaw mill-VAT,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

B'deroga mill-Artikolu 168 tad-Direttiva 2006/112/KE, il-Ġermanja hija awtorizzata li teskludi n-nefqa fuq oġġetti u servizzi mid-dritt ta' tnaqqis tal-VAT meta fiktar minn 90 % tal-każi l-oġġetti u s-servizzi inkwistjoni huma użati għal raġunijiet privati tal-persuna taxxabbli, jew tal-impiegati tagħha, jew b'mod iktar ġenerali, għal skopijiet li mhumiex ta' negozju.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tkun applikabbli mill-1 ta' Jannar 2010 sal-31 ta' Diċembru 2012.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Ottubru 2009.

Għall-Kunsill**Il-President**

A. BORG

⁽¹⁾ ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 357, 2.12.2004, p. 33.

⁽³⁾ ĠU L 145, 13.6.1977, p. 1.